**5 ta' Novembru, 1991**

**Imħallef:-**

**Onor. Franco Depasquale B.A., LL.D.**

E

*versus*

F

## Annullament ta' Żwieġ – Vizzju tal-Kunsens

*It-talba għall-annullament ta' żwieġ minħabba l-fatt li kunsens ta' wieħed mill-miżżewġin kien vizzjat minħabba nuqqas ta' sens ta' ġudizzju u l-impossibilità li jidħol għaż-żwieġ, jew għall-esklużżjoni ta' xi element essenzjali taż-żwieġ, għandu jiġi akkolt fil-każ fejn ma hemmx serjetà u fiduċja;*

Il-Qorti: – Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Billi l-attriċi iżżewġet lill-imsemmi konvenut fid-9 ta' Mejju, 1986, fil-knisja parrokjali ta' Gwardamangia;

Billi l-kunsens tal-istess konvenut għal dan iż-żwieġ kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha u b'analomija serja li għamilha impossibbli għall-imsemmi konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

Billi inoltre l-kunsens tal-imsemmi konvenut inkiseb bl-esklużjoni posittiva taż-żwieġ innifsu jew ta' diversi elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa;

Billi inoltre l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat bil-biża' u b'pressjoni kawżati mit-tqala ta' l-attriċi;

Billi għalhekk iż-żwieġ ċċelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Mejju, 1986, huwa null u bla effett fil-liġi;

Talbet li dina l-Qorti għar-raġunijiet fuq premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċidi illi ż-żwieġ ċċelebrat mill-kontendenti fid-9 ta' Mejju 1986 huwa null u bla effett legali, u tati dawk il-provvedimenti kollha l-oħra illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat li l-konvenut ġie debitament notifikat bl-atti iżda fil-proċess ma tidhirx ebda nota tal-eċċezzjonijiet u dan nonostante li fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 1989 deher l-Avukat Dottor Anthony Farrugia li nforma l-Qorti li kien qed jassumi l-patroċinju tiegħu u li kien ser jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet fil-mument opportun, liema mument ma jidher li wasal qatt, dan ifisser li l-konvenut baqa' kontumaċi; jingħad li l-Perit Legali ikkonferma li hu dejjem nforma bis-seduti kemm lill-konvenut kif ukoll lill-imsemmi Avukat Dottor Anthony Farrugia;

*Omissis;*

Rat l-atti kollha tal-proċess u senjatament x-xiehda li inġabret mill-istess Perit Legali;

Semgħet id-difensuri tal-attriċi;

Ikkunsidrat:

Illi l-attriċi intavolat din il-kawża biex jiġi dikjarat null iż-żwieġ tagħha mal-konvenut li kien ġie ċelebrat fid-9 ta' Mejju 1986;

Illi din it-talba hija bażata fuq l-allegazzjoni li l-kunsens tal-konvenut kien vizjat minħabba nuqqas ta' sens ta' ġudizzju u l-impossibilità tiegħu li jidħol għaż-żwieġ, ippremettiet ukoll li fil-kunsens tal-konvenut kien hemm esklużżjoni ta' xi element essenzjali taż-żwieġ u li ngħata taħt pressjoni;

Illi l-perit legali wara li barra l-affidavit li l-attriċi kienet ippreżentat, sema' lid-diversi xhieda minnha prodotti, esprima l-opinjoni li t-talba attriċi kellha tiġi akkolta;

Illi l-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-konklużjonijiet peritali u sejra tagħmel tagħha l-opportuna relazzjoni anke jekk tħoss li setgħu isibu aktar provi biex jissostanzjaw dak li allegat l-attriċi;

Illi però l-Qorti sejra taċċetta u tadotta l-imsemmija relazzjoni wara li fliet il-proċess bir-reqqa u tat l-importanza lil dak li xehdet Ester Borg li kienet taf lill-attriċi u minn żmien qabel iż-żwieġ u dwar ir-relazzjoni tagħha mal-konvenut qalet: "ma kienx hemm serjetà" u "lanqas kienet tafdaħ" - dan jispjega li r-relazzjonijiet sesswali intimi qabel iż-żwieġ kienu biss bħala

sfog tan-neċessitajiet tagħhom fiżiċi imma qatt ma kienu riżultat ta' mħabba;

Illi dan jiġi konfermat ma dak li żiedet tgħid l-istess xhud: "li l-konvenut kellimtu darba wara li nfired minn ma l-attriċi, urini li ma jimpurtah anqas jekk jitlef it-tfal, seta' (kif qal hu) jsib lil ħaddieħor u iġib it-tfal min ħaddieħor." Xhieda aħjar ta' persuni irresponsabbli diffiċli li tista' tingħata;

Il-Qorti ma taqbilx mal-premessa li l-konvenut ma kienx jaf għal xiex kien dieħel jew li żżewweġ minħabba biża' bħala riżultat ta' tqala;

Illi però dak li ntqal qabel u dak li ġie sottomess abilment mill-Perit Legali, jiġġustifika li t-talba attriċi għandha tiġi akkolta;

Għal dawn il-motivi il-Qorti tiddeċidi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi in kwantu talbet l-annulament taż-żwieġ tagħha mal-konvenut iżda tastjeni milli tati xi provvediment ulterjuri u tiddikjara ż-żwieġ kontrattat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Mejju 1986 huwa null u bla effett a tenur tal-Att taż-żwieġ tal-1987;

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.